# IL-MAGĦMUDIJA NEĊESSARJA GĦAS-SALVAZZJONI

Minn
George Ebejer

# MAGĦMUDIJA

## *Tweġiba tal-Qabar għall-Grazzja*

Riċentament ġew żewġ viżitatutri għallarieda biex ikellmuni. Mill-ewwel kien ċar li dawn kienu ġew biex jistaqsu jew jippruvaw il-lealtà tiegħi lejn il-verità u lejn id-dottrina tajba. Kien jidher li l-interess prinċipali tagħhom kien l-assoċjazzjoni u l-ħbiberija tiegħi ma' predikatur ieħor li, kif poġġewha huma, jgħallem li "init salv bil-grazzja biss." Jiena għeddtilhom illi jiena nista' nitkellem għalija biss, imma jekk l-akkuża kienet li temmen lis-salvazzjoni kienet bil-grazzja minflok bl-opri, allura jiena kont ħati. Ir-rispons tagħhom daħħalni fl-interess. "Mela," staqsew huma, "inti ma temminx li l-magħmudija hija neċessarja, mhux hekk?" "Ċertament li nemmen li l-magħmudija hija meħtieġa għas-salvazzjoni" weġibt jien, "u għal din ir-raġuni, hekk ukoll jemmen sieħbi. U jekk intom tmorru u tgħaddu ftit tal-ħin miegħu, forsi tkunu aktar kalmi biex tisim-għu għall-kritiċi tiegħu."

Kien jidher ċar li dawn it-tnejn minn nies u jiena kellna perspettiva differenti ħafna fuq ir-relazzjoni tal-magħmudija għall-grazzja ta' Alla. U hija din ir-relazzjoni mhix mifhuma bejn il-magħmudija u l-grazzja li tinsab wara l-biċċa 'l kbira tal-kontroversja dwar l-importanza tal-magħmudija. Jiena nemmen li l-kliem ta' Ġesù jista' jagħmel il-kustjoni ċara, imma l-ewwel ħalli nikkunsidraw il-kliem li ta' spiss huwa wżat.

## X'JGĦIDU N-NIES

Forsi l-aktar veduta komuni li jiena nisma' fil-komunità reliġjuża hija*: "Il-magħmudija hija importanti*

*imma mhux neċessarja.*" Dawk li jżommu din il-veduta ma jistaqsux il-ħtieġa tat-twemmin u ta' l-indiema fil-proċess tas-salvazzjoni. Madankollu, għalkemm it-Test-ment il-Ġdid ma jaf dwar ebda ħaġa bħall-**Kristjan mhux mgħammed**, huma jinsistu li l-magħmudija m'għandha ebda rwol fil-proċess. L-interess tagħhom huwa li veduta bħal din tagħmel il-ħsara jew tikser id-dottrina ta' salvazz-joni bil-grazzja permezz tal-fidi.

Din il-veduta hija opponuta b'oħra li tgħid: "*Il-magħmudija hija neċessarja għaliex il-fidi mhix biżżejjed.*" Dawk li jaħsbu b'dan il-mod qegħdin jippruvaw li jon-oraw il-ħafna siltiet tat-Testment il-Ġdid li jorbtu l-magħmudija ma' bidla fl-istat tal-midneb. Il-konkluż-joni tagħhom hija li Alla għamel il-parti Tiegħu biex jagħmel is-salvazzjoni possibbli, u issa l-bniedem għan-du jagħmel il-parti tiegħu biex ikompli sat-tmiem il-proċess. Huma jħarsu lejn il-parti tal-bniedem bħala serje ta' passi, bil-fidi tkun waħda mill-ewwel passi u l-magħmudija normalment tkun l-aħħar pass.

L-ewwel grupp idur għal Efesin tnejn għal appoġġ: "*Huwa bil-grazzja li intom salvi, permezz tal-fidi--mhux bl-opri*" (versi 8-9). It-tieni grupp idur għal Ġakbu għal prova tiegħu: "*Fidi bla opri hija mejta*" (2:17). Iż-żewġ gruppi jgħidu xi ħwejjeġ li jeħtieġu li jkunu mismugħa. Imma jiena nemmen liż-żewġ veduti mhummiex korretti għal kollox.

## X'QAL ĠESÙ

Meta jikkunsidraw kull kustjoni, l-ewwel ħaġa li l-

Kristjani għandhom jagħmlu hija li jisimgħu x'għandu xi jgħid Ġesù. Dan hu speċjalment tassew meta tiġi għal kustjoni tal-magħmudija. Jiena nemmen li l-eżempju u l-kliem ta' Kristu jistgħu jiċċaraw u jneħħu ħafna mill-konfużjoni.

Il-post li tibda bih huwa l-magħmudija ta' Ġesù (ara Mattew 3:13-17). Ġwanni kien bassar li Kristu kellu jiġi bħala wieħed li jgħammed, għalhekk, hu kien sorpriż meta Ġesù ġie biex jirċievi l-magħmudija. Ir-reazzjoni tiegħu għat-talba ta' Ġesù tgħid lill-qarrej li, mhux bħall-oħrajn kollha li rċevew il-magħmudija ta' Ġwan-ni, Ġesù ma ġiex ifittex l-maħfra tad-dnubiet.

Mela għaliex Ġesù kien mgħammed? Xi wħud mir-raġunijiet possibbli li kienu ssuġġeriti għandhom mertu. Huwa nteressanti li tinnota li Ġesù spiss uża t-terminu "magħmudija" bħala metafora għall-mewt Tiegħu (Luqa 12:50; Mark 10:38-39). Dan jimplika li raġuni waħda li kien mgħammed kienet biex juri r-rieda Tiegħu li jaċċetta l-missjoni iebsa li fuqha Missieru kien bagħtu. F'ċertu sens, il-magħmudija Tiegħu kienet il-bidu tal-mewt Tiegħu, l-ewwel indikazzjoni viżibbli tal-kwalità radikali tal-pożizzjoni Tiegħu ta' qaddej.

Iżda r-raġuni prinċipali li Ġesù kien mgħammed kienet **biex jobdi lil Alla**. Meta Ġwanni staqsa dwar il-bżonn Tiegħu (ta' Ġesù) għall-magħmudija, Ġesù wieġeb, "*...hekk jixraq li nimxu biex inkunu għamilna u temmejna s-sewwa kollu*" (Mattew 3:15). Dak li kien sewwa għal Ġesù kien li **jobdi** lil Alla billi jfittex lil Ġwanni u jkun mgħammed. U r-relazzjoni tas-smew-wiet kif Ġesù tela' minn ġo l-ilma tgħamilha ċara li Alla kien kuntent b'dan it-twettiq tar-rieda Tiegħu.

Jiena nemmen li l-komunità Kristjana għandha tgħaddi aktar ħin ma' din il-ġrajja mill-ħajja ta' Ġesù meta tiddiskuti l-importanza tal-magħmudija. Wara kull magħmudija ta' kull emmieni hemm il-magħmudija ta' Ġesù.

Imbagħad aħna ninnutaw li l-magħmudija għandha post sinjifikanti mhux biss fil-bidu tal-Vanġelu ta' Mattew, imma fit-tmiem ukoll (ara Mattew 28:18-20). Fir-rakkont ta' Mattew ta' l-aħħar kliem ta' Ġesù lill-knisja, Ġesù ordna lis-segwaċi Tiegħu biex jagħmlu dixxipli mid-dinja kollha billi **jgħammduhom** fl-isem tat-tliet Persuni tat-Trinità, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu jordnalhom biex isegwu t-tagħlim **kollu** Tiegħu. "Fl-isem" kien terminu tekniku mid-dinja kummerċjali li kien jindika dħul f'kont. L-idea hija li **fil-magħmudija** wieħed ikun magħqud mad-Divinità f'relazzjoni ta' ħakma. Biex impoġġiha f'mod ieħor, **fil-magħmudija** l-emmieni jiġi taħt tmexxija ġdida.

Mela, li **tgħammed** hija parti ta' l-ordnijiet finali ta' l-immar-ċjar li Ġesù ta lill-knisja. Ġesù jagħmel il-**magħmudija** parti ndispensabbli tal-proċess ta' "agħmlu dixxipli." Ma jisfidax dan il-veduta li l-magħmudija hija importanti imma mhux neċessarja? Kif jista' l-eżempju ta' Ġesù jagħmel il-magħmudija ta' *jekk wieħed irid* għal emmieni? Mhuwiex li **tobdi** lil Dak li ssejjaħlu "Mulej" dejjem neċessarju? (Luqa 6:46). Ġesù qal, "Jekk tħobbuni, tobdu dak li ngħidilkom" (Ġwanni 14: 15, 21, 23, 24). Il-Bibbja Mqaddsa tagħti ħafna raġuni-jiet għaliex il-magħmudija hija essenzjali għal dak li jemmen, imma kull ma aħna tassew neħtieġu li nkunu nafu huwa dan: Ġesù kien mgħammed biex

**jobdi** lil Alla, u Ġesù jikkmanda li dawk kollha li jridu li jkunu dixxipli **Tiegħu għandhom jitgħammdu għall-maħ-fra ta' dnubiethom**. L-eżempju u l-kliem Tiegħu għan-dhom ikunu l-motivazzjoni kollha li persuna teħtieġ.

Il-veduta li l-magħmudija hija importanti imma mhux neċessarja sempliċiment **mhix** fi qbil mal-ħajja u t-tagħlim tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu! Imma jilleġit-ma dan li l-veduta li l-opri għandhom rwol fis-salvazz-joni tagħna? Qiegħed Ġesù jgħid li l-magħmudija hija neċessarja għaliex il-fidi mhix biżżejjed? Għal darb' oħra l-Vanġelu jwieġeb dik il-mistoqsija.

Fir-rakkont ta' Mark dwar l-ordnijiet finali ta' Ġesù, aħna naqraw dan il-kliem:

> *"U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, u xandru l-evanġelju lil kull maħluq. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat." (Mark 16:15-16).*

Issa aħna neħtieġu li niddistingwu bejn "evanġelju" u "magħmudija." Twemmin u magħmudija mhumiex l-evanġelju, imma **kif** wieħed iwieġeb għall-evanġelju. Huwa biss wara li wieħed jifhem l-evanġelju li l-appo-stlu Pawlu jagħmel sommarju tiegħu fl-1 Korintin 15:1-4 li huwa jista' jkun sfidat b'mod sewwa biex jagħmel ir-rispons xieraq.

Iżda dak li huwa importanti għall-iskop tagħna f'din is-silta huwa l-konnessjoni mill-qrib bejn il-fidi u l-ma-għmudija. Il-kostruzzjoni ma tippermetti l-ebda waħda li titlob aktar importanza mill-oħra. L-idea hija li l-efi-

kaċja tal-magħmudija tissopponi minn qabel il-preżenza tal-fidi. Tassew, il-klawsola negativa tindika li *mingħajr fidi wieħed qatt ma jikkunsidra l-magħmudija*. Ma hemm ebda deskrizzjoni hawn tal-magħmudija bħala pass addizzjonali li huwa miżjud mal-fidi. L-idea min-flok hija li l-magħmudija hija *esspressjoni ta' fidi fl-evanġelju ta' Ġesù Kristu*. Persuna jew tagħmel it-tnejn —temmen u titgħammed—jew ma tagħmel l-ebda waħ-da minnhom, imma ma tistax tagħmel waħda mingħajr ma tagħmel l-oħra. Dan hu għaliex l-iskular magħruf Battista Beasley Murray innota, id-doni kollha tal-grazzja mwiegħda lill-fidi fit-Testment il-Ġdid huma mwiegħda wkoll lill-magħmudija. Il-magħmudija hija dikjarazzjoni ta' fidi fl-evanġelju. Fi Ġwanni 3:3-5 Ġesù jgħid lil Nikodemu dwar in-neċessità tat-twelid mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu. Meta wieħed jikkunsidra l-magħmudija ta' Ġesù, il-wegħda ta' Ġwanni u l-kliem ta' Pietru u Pawlu, isir ovvju għaliex l-ewwel Kristjani fehmu dan it-twelid ġdid ta' l-ilma u l-Ispirtu li **jirriferi għall-magħmudija**. Imma aħna m'għandniex sempliċiment nieqfu f'vers ħamsa meta nippriedkaw fuq dan it-test. Inkomplu naqraw, għal darb'oħra ninnutaw kif Ġesù jgħaqqad il-magħmudija mal-fidi. Ġesù jgħid lil Nikodemu,

> *"Jekk għidtilkom ħwejjeġ ta' l-art, u ma temmnux, kif temmnu, jekk ngħidilkom ħwejjeġ tas-sema? U l-ebda bniedem ma tala' fis-sema, ħlief dak li niżel mis-sema, Bin il-bniedem li hu fis-sema. U kif Mosè għolla s-serp fid-deżert, hekk*

> *jaħtieġ jitgħolla Bin il-bniedem: Biex kull min jemmen bih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem*" (Ġwanni 3:12-15).

Sewwasew wara li qal*, "Inti għandek titwieled mill-ġdid biex tara s-saltna ta' Alla,*" Ġesù jgħid*, "kull min jemmen fija jkollu l-ħajja ta' dejjem.*" Ġesù konsistenta-ment għallem is-suffiċjenza tal-fidi għas-salvazzjoni. Fil-fatt, il-ftit versi ta' wara fi Ġwanni tlieta Ġesù jagħmel sewwasew dak il-punt:

> "*Għax Alla hekk ħabb lid-dinja, li ta l-Iben waħdieni tiegħu, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem. Għax Alla ma bagħatx 'l Ibnu fid-dinja biex jikkundanna d-dinja, iżda biex id-dinja tkun salvata bih. Dak li jemmen bih mhux ikkundannat: iżda min ma jemminx hu ġa kkundannat, għax ma emminx bl-isem ta' l-Iben waħdieni ta' Alla*" (Ġwanni 3:16-18).

Il-Vanġeli ma jħallu ebda lok għall-veduta li "l-fidi mhix biżżejjed." Fl-istess ħin, il-Vanġeli jgħallmu l-ħtieġa tal-magħmudija. Kif jista' jkun dan? Għal darb' oħra, it-tweġiba hija li tifhem il-veduta ta' Ġesù dwar il-magħmudija. Hu ma rax il-magħmudija bħala opra li għandha tkun miżjuda mal-fidi fl-evanġelju. Pjuttost, Ġesù għallem li l-*magħmudija hija rispons tal-fidi lejn l-evanġelju*.

Imkien fit-Testment il-Ġdid ma hija l-kelma "opra" assoċjata mal-magħmudija. Madankollu, huwa biss raġ-

junevoli lin-nies għandhom jagħmlu xi ħaġa bi tweġiba għall-evanġelju. Fil-fatt huma għandhom jagħmlu opra! Imma x'jgħid Ġesù li hija dik l-opra?

> "*Imbagħad staqsewh: X'għandna nagħmlu biex nagħmlu l-opri ta' Alla?*" *Weġibhom Ġesù: "L-opra ta' Alla hija din: li intom temmnu f'dak li huwa bagħat*" (Ġwanni 6:28-29).

Aħna għandna nagħmlu xi ħaġa biex nirċievu l-offerta grazzjuża tas-salvazzjoni ta' Alla, iżda nagħmlu x'nagħmlu aħna m'għandu bl-ebda mod ikun jidher bħala li qegħdin naqilgħu s-salvazzjoni tagħna. "*Bil-grazzja permezz tal-fidi*" tgħallem ir-responsabbiltà tal-bniedem mingħajr ma bl-ebda mod ma jissuġġerixxi li Alla jista' jkun obligat. U Ġesù jgħid **li l-magħmudija hija mod wieħed li bih il-fidi tkun murija**. Il-magħmudija hija **esspressjoni tal-fidi**, mhux żieda għaliha. Kif l-appostlu Pawlu jpoġġiha f'Kolossin 2:12, fil-magħmudija aħna nkunu midfunin u mqajmin ma' Kristu permezz tal-fidi tagħna fil-qawwa ta' Alla.

Aħna naraw dan il-prinċipju illustrat fil-konverżjoni ta' l-għassies ta' Filippi. Meta l-għassies staqsa lil Pawlu x'għandu jagħmel biex isalva, intqal lilu, "*Emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva*" (Atti 16:31). Mhemmx bżonn li titratta dik it-tweġiba bħallikieku mhix biżżejjed. Ma teħtieġx li tkun "amplifikata." Sempliċiment kompli aqra l-istorja. Din tgħid li Pawlu qal lil l-għassies u lill-familja tiegħu dwar l-evanġelju ta' Ġesù, u **mmedjatament** huma lkoll kienu mgħammdin. Għaliex? Għaliex dak huwa kif li temmen fil-Mulej ikun muri. Kif ipoġ-

ġiha Luqa, *"il-familja kollha kienet mimlija bil-ferħ, għaliex huma waslu biex jemmnu f'Alla*" (vers 34). Tkun qed tagħmel vjolenza kbira lill-Kelma ta' Alla (kif jagħmlu xi wħud) meta inti tikkwota vers 31 u tgħid li persuna ssalva biss meta hija temmen fis-sens li l-magħmudija mhix meħtieġa!

Huwa wisq u wisq ironiku għalija li xi wħud jikkunsidraw il-predikar tas-salvazzjoni bil-grazzja bħala li timmina l-post tal-magħmudija. Aħna m'għandniex għalfejn ngħażlu bejn Atti tnejn u Efesin tnejn meta nippriedkaw l-evanġelju. *"Indmu u tgħammdu*" ma *tikkontradixxix "huwa bil-grazzja li kontu salvi, permezz tal-fidi—mhux bl-opri*"; ta' l-ewwel tħaddan tat-tieni.

Qatt ikkunsidrajt int kemm passiv ikun wieħed filmagħmudija? Mhijiex xi ħaġa magħmula għalik? Filmagħmudija, Ġesù hu l-attur u int il-parteċipant. Xejn ma wieħed jaqla'. Kollox huwa mogħti. **Il-magħmudija hija stqarrija sublimi tal-fidi li jiena m'inhix qiegħed niddependi fuq l-isforzi tiegħi nnifsi għas-salvazzjoni, imma nafda minflok fil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù**. Huwa l-mod tiegħi li niddikjara "Xejn f'idejja ma nġib; sempliċiment inżomm mas-salib." Il-magħmudija ma tikkontradixxix is-salvazzjoni bil-grazzja; din tiddikjara li s-salvazzjoni ma tistax tkun miksuba f'ebda mod ieħor!

Jiena nħoss li dik hija raġuni waħda li Satana jipprova biex inaqqas il-post tal-magħmudija fil-komunità Kristjana. Satana jista' jittollera ħafna minn dak li jgħidu jew jagħmlu ħafna knejjes illum sakemm il-mewt, difna u qawmien ta' Kristu huma mħollija barra u sfortunatament dawk li jippriedkaw li l-magħmudija mhix

għall-maħfra tad-dnubiet qegħdin jgħinu mhux ħażin fix-xogħol ta' Satana! Iżda l-magħmudija ma tħalliniex ninsew l-evanġelju. Fil-magħmudija l-emmieni jiddikjara fidi fl-aktar ġrajjiet importanti ta' l-istorja, u l-evanġelju huwa ppridkat mill-ġdid kollu kemm hu. Il-magħmudija hija rispons tal-qabar għall-grazzja ta' Alla.

Meta aħna nisimgħu għal Ġesù, ma nħarsux lejn il-magħmudija bħala ħaġa ta' għażla imma bħala li hija ta' l-akbar importanza għas-salvazzjoni tagħna għaliex permezz tagħha biss aħna nistgħu nilbsu 'l Kristu (Galatin 3:26-27).

Il-magħmudija hija suġġett kontroversjali ħafna fid-dinja reliġjuża tal-lum. Huwa suġġett li hu argumentat minn kull veduta li wieħed jista' jaħseb dwarha. Jidher għalija li jekk inħallu l-Bibbja, bħala l-Kelma ta' Alla titkellem fuq is-suġġett aħna nkunu nistgħu naslu għal għarfien li Alla ntenzjona.

Jiena sinċerament nemmen li kull persuna għandha tkun onesta u sinċiera sakemm ix-xhieda turi konklużjoni oħra. B'dan f''moħħok, għażiż qarrej:

## “ĦALLI L-BIBBJA TITKELLEM DWAR IL-MAGĦMUDIJA”

## L-EWWEL STQARRIJA

## IL-BIBBJA TITKELLEM DWAR MAGĦMUDIJA WAĦDA GĦALINA LLUM

> “*Mulej wieħed, fidi waħda*, **magħmudja waħda**” (Efesin 4: 5).

Aħna nikkonkludu mela mill-Iskrittura li hemm biss magħmudija **waħda** llum.

## IT-TIENI STQARRIJA

## IL-BIBBJA TGĦALLEM LIEMA MAGĦMUDIJA KIENET IPPRATTIKATA MILL-KRISTJANI TA’ L-EWWEL SEKLU

> “*Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: “Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru, mela u għallmu l-ġnus kollha,* ***u għammduhom*** *fl-isem tal-Missier u ta’ l-Iben u ta’ l-Ispirtu s-Santu: u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien: u ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien.*” (Mattew 28: 18-20).

> "*Huma u sejrin għal għonq it-triq, waslu f'post fejn kien hemm* ***l-ilma****: U l-uff-iċjal qal: "Ara, hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni li ma* ***nitgħammidx****?*" *Imba-għad ordna li jwaqqfu l-karru, niżlu t-tnejn fl-ilma, hu u Filippu, u dan għam-mdu*" (Atti 8:36-38).

> "*Jista' xi ħadd jiċħad* ***l-ilma tal-magħ-mudija*** *lil dawn in-nies, li ħadu l-Ispirtu s-Santu bħalma ħadnieh aħna wkoll? U ordna li* ***jitgħammdu*** *fl-isem ta' Kristu*" (Atti 10:47-48).

> "*Imbagħad Pietru weġibhom: "Indmu, u* ***jitgħammed*** *kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38).

Aħna nistgħu nosservaw minn dawn is-siltiet li kienet magħmudija li tista' tkun amministrata (1) mill-bniedem, (2) fl-ilma, (3) bis-setgħa ta' Ġesù Kristu (f'Ismu), (4) għall-maħfra tad-dnubiet, (5) f'ubbid-jenza għall-kmandament.

## IT-TIELET STQARRIJA

## IL-BIBBJA TGĦALLEM MIN HU SUĠĠETT XIERAQ GĦAL DIN IL-MAGĦMUDIJA WAĦDA, MILL-BNIEDEM, FL-ILMA, BIS-SETGĦA TA' ĠESÙ KRISTU (F'ISMU), GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET

1. **Dawk li kienu mgħallma.**

   "*Morru mela,* u **għallmu** l-ġnus kollha*, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu: u għallmu-hom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien: u ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien*" (Mattew 28: 19-20).

   "*Imbagħad Filippu fetaħ fommu u beda minn din is-silta ta' 'l* Iskrittura **jxan-darlu** l-Bxara ta' Ġesù…" (Atti 8:35).

   "*Għax kull min isejjaħ il-Mulej isalva. Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma je-mmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx? Kif jistgħu jxandrulhom jekk ma jkunux mibgħuta? Bħalma hemm miktub: "Kemm huma sbieħ riġlejn dawk li jħabbru l-Evan-ġelju tas-sliem, u jġibu l-bxara t-tajba fuq ħwejjeġ tajba! Iżda mhux kulħadd qagħad għall-kelma ta' l-Evanġelju. Isa-ija ħabbar: "Mulej, min emmen il-kelma li sema' minn għandna?* ***Għax il-fidi tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-Kelma ta' Kristu***" (Rumani 10:13-17).

2. **Dawk li emmnu l-Evanġelju.**

"*U qalilhom: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu.* ***Min jemmen*** *u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat*" (Mark 16:15, 16).

"*Meta mbagħad emmnu l-Bxara t-tajba li Filippu kien ixandrilhom fuq is-Saltna ta' Alla u fuq l-isem ta' Ġesù Kristu, tgħammdu, kemm l-irġiel u kemm in-nisa. Xmun ukoll* ***emmen*** *u tgħammed, u kien dejjem maġenb Filippu, u kien jibqa' miblugħ meta kien jara s-sinjali u l-mirakli kbar li kienu jsiru*" (Atti 8:12, 13).

**3. Dawk li nidmu minn dnubiethom.**

"*Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lill-appostli l-oħra: "L-aħwa, x'għandna nagħmlu aħna?" U Pietru weġibhom: "**Indmu**, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:37-38).

**4. Dawk li jistqarru lil Ġesù bħala l-Mulej u l-Iben ta' Alla.**

"*Jekk inti* ***tistqarr*** *b'fommok, "Ġesù hu l-Mulej," u temmen b'qalbek li Alla qaj-mu mill-imwiet, inti ssalva. Għax*

*wie-ħed jemmen f'qalbu biex ikollu l-ġus-tizzja u jistqarr b'xofftejh biex ikollu s-salvazzjoni*" (Rumani 10:9-10).

"*U Filippu qallu: "Jekk int temmen b'qalbek kollha, tista'." L-ewnuku wie-ġeb*: ***"Jiena nemmen li Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla.*"** *Imbagħad ordna li jwaqqfu l-karru, niżlu t-tnejn fl-ilma, hu u Filippu, u dan għammdu*" (Atti 8:37, 38).

Meta individwu jkun mgħallem sewwa, jemmen il-fatti ta' l-Evanġelju (il-mewt, difna u qawmien ta' Ġesù), jindem mid-dnubiet u jistqarr lil Ġesù Kristu bħala l-Mulej ta' ħajtu u l-Iben ta' Alla dak l-indivi-dwu ikun suġġett xieraq għall-magħmudija li Kristu kkmandana biex namministrawha llum (Atti 10:48). Aħna sinċerament nistgħu nikkonkludu mill-fatti mse-mmija fuq illi t-trabi mhumiex suġġetti xierqa għall-magħmudija rrivelata għalina llum. Dawn m'għand-hom ebda dnub li jeħtieġu l-magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet! (ara Luqa 18:15-17).

## IR-RABA' STQARRIJA

## IL-BIBBJA TGĦALLEM KIF IL-MAGĦMUDIJA GĦANDHA TKUN AMMINISTRATA

Il-Kelma ta' Alla tgħidilna hekk dwar il-magħmu-dija u dwar kif għandha tkun amministrata,

"*Ma tafux intom li aħna li tgħammidna*

*fi Kristu tgħammidna fil-mewt tiegħu?* ***Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija****; sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħi-xu ħajja ġdida. Jekk* ***aħna sirna ħaġa waħda*** *miegħu f'mewt tixbaħ lil tiegħu, hekk ningħaqdu miegħu fil-qawmien tiegħu mill-mewt. Dan nafu: li l-bnie-dem il-qadim tagħna ssallab miegħu, biex jinqered dan il-ġisem tad-dnub, sabiex ma nkunux aktar ilsiera tad-dnub*" (Rumani 6:3-6).

"***Indfintu miegħu bil-magħmudija*** *u bih irxuxtajtu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla li qajmu mill-imwiet*" (Kolossin 2:12).

"*…niżlu t-tnejn* ***fl-ilma****, hu u Filippu, u dan għammdu. Malli* ***telgħu mill-ilma*** *…*" (Atti 8: 38-39).

"*Wieġbu Ġesù: "Tassew, tassew ngħid-lek, li,* ***jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu****, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla*" (Ġwanni 3:5).

Skond il-Bibbja Mqaddsa l-magħmudija li għandha x'taqsam magħna llum hija **difna** fl-ilma. Hija **twelid** mill-ilma. Hija **qawmien**. Aħna sinċerament nistgħu nikkonkludu mis-siltiet ta' fuq li tibxix jew li tferragħ

l-ilma mhumiex it-tagħlim li jinsab fil-Bibbja f'li tamministra l-magħmudija.

## IL-ĦAMES STQARRIJA
## IL-BIBBJA TGĦALLEM L-ISKOP TA' DIN IL-MAGĦMUDIJA

1. Il-magħmudija tpoġġini fil-mewt ta' Kristu fejn hu xerred demmu li jsalvani.

   "*Iżda meta waslu għal Ġesù, billi raw li kien ġa mejjet, ma kissrulux riġlejh. B'danakollu wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu b'lanza, u minnufih **ħareġ demm u ilma***" (Ġwanni 19: 33-34).

   "*Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna **fil-mewt** tiegħu. Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida*" (Rumani 6:3-4).

2. Il-magħmudija tagħtini d-dritt li npoġġi l-affezzjonijiet tiegħi fuq ħwejjeġ ta' fuq.

   "*Indfintu miegħu bil-magħmudija* u bih irxuxtajtu…Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, ***fittxu l-ħwejjeġ tas-sema***" (Kolossin 2:12; 3: 1).

3. Il-magħmudija hija kif jiena nilbes 'l Kristu.

   "*Għax intom ulied Alla lkoll kemm*

> *intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom* mgħammda fi Kristu, ***ilbistu 'l Kristu***" (Galatin 3:26, 27).

4. Il-magħmudija hija kif jiena mmur għand Kristu fejn nista' nikseb is-salvazzjoni u l-barkiet spiritwali kollha. *Ara l-iskrittura ta' fuq.*

> "*Għalhekk kollox nieħu bis-sabar għal l-imħabba ta' dawk li Alla għażel, biex huma* ***wkoll jiksbu s-salvazzjoni, li hi ta' sebħ għal dejjem fi Kristu Ġesù***" (2 Timotju 2:10).

> "*Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu:* ***li mliena b'kull xorta ta' bar-ka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu***" (Efesin 1:3).

5. Il-magħmudija hija meħtieġa biex tidħol fis-saltna ta' Alla (il-knisja).

> "*Wieġbu Ġesù: "Tassew, tassew ngħid-lek, li,* ***jekk wieħed ma jitwilidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla***" *(Ġwanni 3:5).*

6. Il-magħmudija hija kmand li għandu jiġi obdut.

> "*Jista' xi ħadd jiċħad l-ilma tal-magħ-mudija li dawn in-nies, li ħadu l-Ispirtu bħalma ħadnieh aħna wkoll?* **U ordna li jitgħammdu** *fl-isem ta' Kristu*" (Atti 10:47, 48).

7. Il-magħmudija hija għall-maħfra tad-dnubiet.

> "*U Pietru weġibhom: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu* ***għall-maħfra ta' dnubietkom****; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38).

8. Il-magħmudija hija nkluduta f'dak li jsalvani.

> "*Dan l-ilma kien ifisser il-magħmudija,* ***li issa ssalva lilkom ukoll****, mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu*" (1 Pietru 3:21).

9. Il-magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet hija kif jiena nir-ċievi d-don ta' l-Ispirtu s-Santu.

> "*U Pietru weġibhom: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom;* ***u taqil-għu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu***" (Atti 2:38).

F'sommarju l-Bibbja tgħallem l-iskopijiet ta' din il-magħmudija waħda fl-ilma kif ġej: (1) tpoġġini fil-mewt ta' Kristu fejn hu xerred demmu li jsalvani, (2) tagħtini d-dritt li npoġġi l-affezzjonijiet tiegħi fuq ħwejjeġ tas-sema, (3) kif nilbes 'l Kristu, (4) kif insir fi Kristu fejn nista' jkolli s-salvazzjoni u l-barkiet spiritwali kollha, (5) kif nidħol fis-saltna ta' Alla (il-knisja), (6) kmand li għandu jkun obdut, (7) għall-maħfra tad-dnubiet, (8) hija nkluduta f'dak li jsalvani,

(9) kif nirċievi d-don ta' l-Ispirtu s-Santu. Issa staqsi lilek innifsek: Nista' jiena nkun jiena salv *qabel* ma nitgħammed?

## IS-SITT STQARRIJA

### *WARA L-MAGĦMUDIJA FL-ILMA GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET INTI TKUN BISS KRISTJAN – MEMBRU TAL-KNISJA TAL-MULEJ*

> "*Għalhekk dawk li laqgħu kliemu tgħa-mmdu…u kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom. U minn jum għal l-**ieħor il-Mulej kien iżidilhom** magħhom lil dawk li jkunu salvi*" (Atti 2:41, 47).

Dawk li jobdu r-rieda ta' Kristu jkunu membri tal-knisja Tiegħu. Huma ma jkunu jappartjenu għal ebda denominazzjoni u għandhom ikomplu jimxu bil-fidi (2 Korintin 5:7). Wieħed jeħtieġ biss li jisma' l-Kelma ta' Alla, jobdi t-tagħlim tagħha u jkompli mal-poplu ta' Alla f'dan il-moviment kbir. Inti tista' tgawdi l-akbar barkiet fil-ħajja billi tkun biss Kristjan u tadura lil Alla fl-ewwel jum ta' kull ġimgħa, kif aħna nsibu mniżżel fil-Kelma Tiegħu. Din il-qima ispirata u aċ-ċettabbli tinkludi l-Ikla tal-Mulej kull l-ewwel jum ta' kull ġimgħa, (Atti 20:7); il-privileġġ li nagħtu skond ma nistgħu (1 Korintin 16:2); nisimgħu l-Kelma ta' Alla, nitolbu flimkien; u nkantaw tifħir lil Alla (Atti 2:42; Efesin 5:19). Aħna għandna nkomplu bil-fidi hekk kif naduraw fl-ispirtu u fil-verità (2 Korintin 5:7;

Ġwanni 4:23, 24). **Dan huwa l-mudell tat-Testment il-Ġdid għall-qima aċċettabbli.**

## KONKLUŻJONI

Ħalli naraw issa, bħala konklużjoni, tlettax-il ħaġa li Alla jgħid li jsalvaw u li **kollha** għandhom ikunu preżenti qabel ma persuna tista' tkun salva u naraw permezz ta' dawn kemm huwa falz it-tagħlim li persuna ssalva **qabel** ma titgħammed, jiġifieri, bil-fidi weħidha!

## TLETTAX-IL ĦAĠA LI ALLA JGĦID LI JSALVAW (KOLLHA GĦANDHOM IKUNU PREŻENTI QABEL MA PERSUNA TKUN SALVA)

*Il-Kelma ta' Alla tagħtina dawn il-pariri jew twissijiet:*

**Efesin 5:6**,

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk* ***li ma jisimgħux****.*"

**2 Timotju 2:15,**

> "*Agħmel l-aħjar tiegħek biex tippreżenta lilek innifsek lil Alla bħala wieħed ippruvat, ħaddiem li m'għandux mniex jistħi****, li jqassam bir-reqqa l-kelma tal-verità****.*"

**2 Timotju 3:15-17,**

> "*L-iskrittura kollha hija mogħtija b'ispirazzjoni minn Alla, u tiswa għat-tagħlim, għaċ-ċanfir, għat-twiddib, għat-taħriġ fil-ħaqq:* ***Biex il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imrawwam għal kull ħidma tajba****.*"

Mela, biex persuna tkun salva?
Aħna salvi:

1. Bil-**GRAZZJA** – **Efesin 2:8** – "***Intom salvi bil-grazzja*** *permezz tal-fidi; u dan mhux bis-saħħa tagħkom, imma b'don ta' Alla.*"
2. Bil-**ĦNIENA** – **Titus 3:5** – "*Mhux bl-opri tajba li konna għamilna,* ***iżda skond il-ħniena tiegħu*** *bil-ħasil tat-twelid mill-ġdid, u t-tiġdid ta' l-Ispirtu s-Santu*"
3. Bid-**DEMM TA' KRISTU** – (a) **Matthew 26:28** - "Għax dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra **għall-maħfra tad-dnubiet."**
   (b) **Rivelazzjoni 1:5** – "*Kif ukoll mingħand Ġesù Kristu, ix-xhud fidil, il-Kbir fost il-mejtin, il-Prinċep tas-slaten tad-dinja. Lil dan li ħabbna,* ***u li ħallna minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu***
4. Bil-**ĦAJJA TA' KRISTU** – **Rumani 5:10** – "*Jekk meta konna għadna għedewwa ta' Alla tħabbibna miegħu bis-saħħa tal-mewt ta' Ibnu, kemm iktar issa, li aħna ħbieb miegħu,* ***insal-***

***vaw permezz tal-ħajja tiegħu?***"

5. Bl-**EVANĠELJU** – (a) **Rumani 1:16** – "*Jiena ma nistħix mill-evanġelju:* ***għax l-evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni*** *ta' dawk kollha li jemm-nu,...*"

   (b) ***1 Korintin 15:1-4*** – "*Barra minn dan, ħuti, irrid infakkarkom fl-evanġelju li xandartilkom, u li intom ukoll ilqajtu, u li żżommu sħiħ miegħu.* ***U li bih intom salvi,*** *jekk iżżommu f'moħħkom dak li xandartilkom, għax inkella tkunu emmintu għal xejn. Għax l-ewwelnett tajtkom dak li jien ukoll qlajt, kif Kristu miet għal dnubietna skond l-iskrittura: U li kien midfun, u raġa'* qam it-tielet jum skond l-iskrittura."

   (ċ) **Ġakbu 1:21** – "*Għalhekk warrbu kull tniġ-ġis, u l-kobor żejjed tal-ħażen, u ilqgħu bil-ħle-wwa l-kelma imlaqqma fikom,* ***u li tista' ssal-valkom ruħkom***."

6. Billi **NSEJĦU L-ISEM TAL-MULEJ** – (a) **Rumani 10:13** – "*Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej* ***ikun salvat***."
   (Dan huwa wieħed mill-versi favoriti għal dawk li jgħallmu li persuna tkun salva mingħajr ma-għmudija!)
   (b) **Atti 26:22** – "*U issa x'inti qiegħed tistenna, Qum, u tgħammed, u aħsel dnubietek,* ***billi ssejjaħ isem il-Mulej***."

7. Bix-**XANDIR** – (a) **1 Korintin 1:21** – "*Għax billi fil-għerf ta' Alla d-dinja b'għerfha ma*

*għarfitx 'l Alla,* ***għoġbu Alla jsalva lil dawk li jemmnu bil-bluha tax-xandir****.*"

(b) **Rumani 10:13-14** – "*Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej ikun salvat. Kif mela jsejħu 'l min għadhom ma emmnux fih?* ***U kif jemmnu jekk ħadd ma jxandri-lhom****?*"

8. Bil-**FIDI** – (a) **Efesin 2:8** – "*Għax bil-grazzja intom salvati,* ***permezz tal-fidi****;…*"

   (b) **Lhud 11:6** – "***Imma mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lilu****; għax min jiġi għand Alla jaħtieġ li jemmen li Alla hu, u li jħallas lil dawk li jfittxuh sewwa.*"

9. **Bit-TWEMMIN** – (a) **Mark 16:15-16** – "*U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, u xandru l-evanġelju lil kull maħluq. Min* ***jemmen*** *u jitgħammed****, isalva****; iżda* ***min ma jemminx*** *ikun ikkundannat.*"

   (b) **Ġwanni 3:16, 36** – "*Għax Alla hekk ħabb lid-dinja, li ta' l-Iben waħdieni tiegħu, biex* ***kull min jemmen*** *fih ma jintilifx, iżda* ***jkollu l-ħajja ta' dejjem…Dak li jemmen fl-Iben għan-du l-ħajja ta' dejjem****; u dak li ma jemminx fl-Iben ma jarax il-ħajja; iżda għadab Alla jgħammar fuqu.*"

   (c) **Ġwanni 12:42-43** – "*Madankollu ħafna mill-****kbarat emmnu fih****; iżda minħabba l-****Fariżej ma kinux jistqarruh*** *biex ma jitkeċċewx mis-sinagoga.*"

10. **Billi NISTQARRU** – **Rumani 10:10** – "*Għax bil-qalb il-bniedem jemmen fil-ħaqq;* ***u bil-***

***fomm wieħed jistqarr għas-salvazzjoni**.*" (ara wkoll Acts 8:35-39).

11. **Bl-INDIEMA** – (a) **Luqa 13:3** – *"Le: ngħidilkom **jekk ma tindmux**, tintilfu hekk ukoll."*

12. **Bil-MAGĦMUDIJA** – (a) **Mark 16:16** – *"Min jemmen **u jitgħammed isalva**…"*

(b) **1 Pietru 3:21** – *"U **l-magħmudija** li hi xbieha ta' dan, **issalvana** issa wkoll,…"*

(c) **Atti 2:38** – *"Imbagħad Pietru qalilhom, "Idmu, u kull wieħed minnkom **jitgħammed** f'isem Ġesù Kristu **għall-maħfra tad-dnubiet**; u taqilgħu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu."*

(d) **Atti 22:16** – *"U issa x'inti qieħed tistenna? Qum **u tgħammed, u aħsel dnubietek,** billi ssejjaħ isem il-Mulej."*

13. **Bl-UBBIDJENZA** – (a) **Lhud 5:9** – *"U billi kien magħmul perfett, sar il-kawża tas-salvzzjoni ta' dejjem **għal dawk kollha li jobduh**."*

(b) **Rumani 6:16-18** – *"Ma tafux intom, li lil min tagħtu ruħkom bħala **qaddejja biex tobuh**, issiru qaddejja **ta' dak li tobdu**, sewwa taddnub għall-mewt, u sewwa **ta' l-ubbidjenza għall-ħaqq**? Iżda niżżuħajr 'l Alla, għax kontu l-qaddejja tad-dnub, imma minn qalbkom **obde-tu** lil dik il-għamla ta' tagħlim li għaliha intom kontu mogħtijin."*

(ċ) **Efesin 5:6** – *"Tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bi kliem fieragħ; għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab ta' Alla fuq ulied **id-diżubbidjenza**."*

Mela minn dan wieħed jista' jara kemm huma żbaljati dawk li jgħallmu li l-**magħmudija** mhix neċessarja għas-salvazzjoni u li persuna tkun salva **qabel** ma hija tkun mgħammda, jiġifieri, bil-fidi weħidha!

Hija x-xewqa ta' Alla li inti tobdi Lilu u tkun salv (1 Timotju 2:4). Inti qrajt dak li l-Bibbja tgħid dwar il-magħmudija. Din hija kkmandata minn Alla, fl-ilma, bis-setgħa ta' Ġesù Kristu, għall-maħfra tad-dnubiet, li tirċievi d-don ta' l-Ispirtu s-Santu, u li inti tista' tkun iben jew bint ta' Alla f'din il-ħajja. X'nistgħu aħna nitolbu aktar? Jekk jogħġbok tismax għad-dottrini tal-bnedmin fuq is-suġġett tal-magħmudija imma isma' minflok għall-Bibbja Mqaddsa—il-Kelma ta' Alla.

Il-knejjes ta' Kristu bl-umiltà qegħdin ifittxu li jmorru lura għat-tagħlim tal-Kelma ta' Alla, u jservuh kif iridna f'dan il-jum u żmien.

> *"U issa x'int tistenna? Qum! Tgħammed u nħall minn dnubietek, int u ssejjaħ ismu"* (Atti 22:16).